MALTA

# QORTI KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF MICHAEL MALLIA

Seduta tal-15 ta' Ottubru, 2012

Numru 15/2011

**Ir-Repubblika ta’ Malta**
**Vs**
**Omissis**

**Illum, 15 t’Ottubru, 2012**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza numru 15 tas-sena 2011 kontra l-akkuzat li biha huwa akkuzat talli

1. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fl-Ewwel Kap illi fil-wieħed u tletin (31) ta’ Marzu tas-sena elfejn u għaxra (2010) u fix-xhur u s-snin ta’ qabel ġewwa Bormla u fi bnadi oħra f’dawn il-Gżejjer, **Omissis** kellu konġunġament karnali vjolenti mat-tfal tiegħu AB, CD u EF, lkoll minuri, kontra r-rieda tagħhom stess. Dan kien jagħmlu billi f’okkażjonijiet separati kien iħajjar lil xi waħda mit-tfal tiegħu jmorru f’xi post miegħu u hemmhekk hu kien, vjolentement u kontra r-rieda tagħhom ikollu konġunġament karnali ma’ dik it-tifla partikolari.

Illi dan l-aġir beda fuq it-tifla tiegħu AB, li kien għad kellha biss tnax-il sena, billi darba fost l-oħrajn kien qalilha biex tmur miegħu ħa jeħodha tara xi playstations u xi apparat tas-*sound*. Fuq din l-istedina, AB aċċettat li tmur tara dan l-apparat iżda minflok li ħadha hemmhekk, **Omissis** ħadha f'bar fejn kien taha xorb alkoħoliku u wara li xorbot dawn id-drinks, hu kien ħadha f'kamra fejn hemmhekk ikkommetta stupru vjolenti fuq l-istess AB. Illi din ma kienitx l-unika darba illi **Omissis** ikkommetta stupru vjolenti fuq it-tifla tiegħu AB u filfatt wettaq stupru vjolenti fuqha għal tlett darbiet oħra. Kien biss meta AB kienet ħasbet li nqabdet tqila illi **Omissis** waqaf iwettaq dawn l-atti llegali fuqha.

Illi x'ħin ra hekk, **Omissis**, reġa adotta l-istess tattika għar-rigward tat-tieni tifla tiegħu CD fejn darba fost l-oħrajn hu kien ħadha tixrob xorb alkoħoliku f'bar u wara ħadha miegħu f'kamra fejn hemmhekk hu kkommetta stupru vjolenti fuq it-tifla tiegħu CD. Illi darba oħra waqt illi **Omissis** kien ma' CD fil-karozza ta' ommha u l-mara tiegħu, u wara li ħadha tixrob xorb alkoħoliku, saq lejn għalqa u hemmhekk ikkommetta stupru vjolenti fuq l-imsemmija tifla tiegħu. Illi **Omissis** baqa' jwettaq dawn ir-reati fuq CD għal perjodu ta' ftit anqas minn tlett snin fejn ġieli kien jistupraha għal darba jew darbtejn fix-xahar.

Illi wara tlett snin, **Omissis** iddeċieda li jibda jersaq lejn it-tielet tifla tiegħu EF li kien għad kellha biss tnax-il sena. Darba minnhom, **Omissis**, bl-iskuża li se jieħu lil EF flimkien miegħu għal qadja, kien ħa lil EF f'kamra ġewwa Għajn Dwieli fejn hemmhekk hu neżżagħha u kkommetta stupru vjolenti fuqha. Illi **Omissis** kien stupra lil EF numru ta' drabi u kien ikkommetta dawn l-atti anke waqt illi kienet għadha qed tirkupra minn operazzjoni li saritilha f'żaqqha.

Illi sabiex ma jinkixifx, **Omissis** kien iwwissi lit-tfal tiegħu, b'mod separat, illi jekk jiftħu ħalqhom hu kien ipattihielhom u ġieli anke kien iġgħielhom jaħilfu fuq xi ħadd għażiż tagħhom li mhux se jitkellmu dwar dawn l-atti. Kien biss wara EF u CD kienu qed jitkellmu fuq missierhom u wara li kellmu wkoll lil AB li rrealizzaw li t-tlieta li huma kienu

ġew abbużati sesswalment mingħand missierhom **Omissis**.

Illi b'għemilu, l-imsemmi **Omissis** sar ħati talli b'diversi atti li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u li kienu magħmulin b'riżoluzzjoni waħda wettaq stupru vjolenti aggravat, u cioè talli ikkommetta stupru vjolenti fuq persuna tas-sess il-wieħed jew l-ieħor, b'dan li d-delitt sar fuq persuna taħt l-età ta' tnax-il sena u li d-delitt sar minn axxendent, tutur, jew istitur fuq persuna taħt l-età ta' tmintax-il sena kif ukoll li d-delitt sar fuq il-persuna oħra li jiġu minn xulxin mid-demm jew biż-żwieġ sat-tielet grad inkluživament.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali fl-isem fuq imsemmi akkuża lill-imsemmi **Omissis** ħati talli b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti iżda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi, u li jkunu ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, ikkommetta stupru vjolenti fuq persuna tas-sess il-wieħed jew l-ieħor; b'dan li d-delitt sar fuq persuna taħt l-età ta' tnax-il sena u li d-delitt sar minn axxendent, tutur, jew istitur fuq persuna taħt l-età ta' tmintax-il sena kif ukoll li d-delitt sar fuq il-persuna oħra li jiġu minn xulxin mid-demm jew biż-żwieġ sat-tielet grad inkluživament; talab li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkuzat u illi jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija minn erba' snin sa tletin sena, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 18, 198, 201(a), 202(b)(h)(iii) u 533 tal-Kodici Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

2. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tieni Kap illi fl-istess żmien u ċ-ċirkostanzi indikati fl-Ewwel Kap ta' dan l-Att ta' Akkuża u ċioe` fil-wieħed u tletin ta' Marzu tas-sena elfejn u għaxra (2010) u fix-xhur u s-snin ta' qabel ġewwa Bormla u fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer, **Omissis** ikkorrompa lit-tlett itfal minuri tiegħu, u ċioe` lil AB, lil CD u lil EF billi messilhom il-partijiet privati tagħhom.

Illi **Omissis** kien ħa lit-tifla minuri, li kellha inqas minn tnax-il sena, tiegħu AB ġo karma fejn hemmhekk hu kkorrompa lill-minuri b'diversi atti żienja, fosthom billi neżżalha l-flokk u beda jbisilha sidirha u jmissilha l-partijiet

privati tagħha. Illi din l-istorja irripetiet ruħha xi tlett darbiet oħra.

Illi waqt li kien fil-vettura ta’ martu flimkien mat-tifla tiegħu CD, li kellha inqas minn tnax-il sena, **Omissis** neżża’ x-shorts u neħħa l-flokk ta’ CD u hemmhekk kkorrompa lill-minuri b’diversi atti żienja, fosthom billi messilha l-partijiet privati tagħha. Illi din ma kienitx l-unika darba illi messilha l-partijiet privati tagħha

Illi l-istess **Omissis** kien kkorrompa kemm-il darba lit-tifla minuri tiegħu EF, li kellha inqas minn tnax-il sena, b’diversi atti żienja, fosthom billi anke kien daħħal il-parti tiegħu f’ħalqha kif ukoll billi jmissilha l-partijiet privati tagħha.

Illi b’għemilu, l-imsemmi **Omissis** sar ħati ta’ korruzzjoni aggravata ta’ minuri ta’ taħt l-età, u ċioe` talli b’diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti iżda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi, u li jkunu ġew magħmula b’riżoluzzjoni waħda, b’egħmil żieni kkorrompa persuni ta’ taħt l-età, tas-sess il-wieħed jew l-ieħor; b’dan li d-delitt sar bi ħsara ta’ persuna li ma għalqitx l-età ta’ tnax-il sena, inkella bi vjolenza, u li sar minn axxendent, mid-demm jew bi żwieġ, jew mill-missier jew l-omm adottivi, jew mit-tutur tal-minuri, jew minn ħaddieħor li lilu, imqar jekk għal xi żmien, ikun ġie fdat il-minuri sabiex jieħu ħsiebu, jedukaħ, jgħallmu, jindukrah jew iżommu.

Ghaldaqstant l-Avukat Ġenerali fl-isem fuq imsemmi akkuża lill-imsemmi **Omissis** ħati talli kkommetta korruzzjoni aggravata ta’ tifla ta’ taħt l-età, u ċioe` talli b’diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti iżda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi, u li jkunu ġew magħmula b’riżoluzzjoni waħda, b’egħmil żieni kkorrompa persuna ta’ taħt l-età, tas-sess il-wieħed jew l-ieħor; b’dan li d-delitt sar bi ħsara ta’ persuna li ma għalqitx l-età ta’ tnax-il sena, inkella bi vjolenza, u li sar minn axxendent, mid-demm jew bi żwieġ, jew mill-missier jew l-omm adottivi, jew mit-tutur tal-minuri, jew minn ħaddieħor li lilu, imqar jekk għal xi żmien, ikun ġie fdat il-minuri sabiex jieħu ħsiebu, jedukaħ, jgħallmu, jindukrah jew iżommu; talab li jingħamel skond

il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta’ priġunerija minn tlett snin sa tnax-il sena, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 18, 203(1)(a)(ċ) u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista’ skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta’ l-imsemmi akkużat.

3. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tielet Kap illi fiż-żmien u ċ-ċirkostanzi indikati fil-Kapi preċedenti ta’ dan l-Att ta’ Akkuża u ċioe` fil-wieħed u tletin ta’ Marzu tas-sena elfejn u għaxra (2010) u fix-xhur u s-snin ta’ qabel ġewwa Bormla u fi bnadi oħra f’dawn il-Gżejjer, l-akkużat **Omissis**, kien iżomm bil-forza lill-minuri AB, CD u EF, f’okkażjonijiet differenti minn xulxin, u ma kienx iħallihom imorru fejn iridu u dan fl-istess moment li huwa kien ripettutivament qiegħed jistuprahom, f’okkażjonijiet separati minn xulxin, bil-vjolenza jew ripettutivament jikkorrompihom.

Illi l-akkużat **Omissis** fl-ebda moment ma kellu l-ebda awtorizzazzjoni minn xi awtorita` pubblika jew kompetenti u ma kienx xort’oħra awtorizzat biex iżomm lil AB, CD u EF, f’okkażjonijiet differenti minn xulxin, kontra r-rieda tagħhom u tali għemil lanqas ma kien permessibbli minn xi dispożizzjoni tal-liġi

Illi b’għemilu, l-imsemmi **Omissis** sar ħati ta’ arrest, detenzjoni jew sekwestru kontra l-liġi, u ċioe’ talli b’diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti iżda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi, u li jkunu ġew magħmula b’riżoluzzjoni waħda, bla ordni skond il-liġi ta’ l-awtorità kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arresta, żamm jew issekwestra lil xi persuna kontra l-volontà tagħha, b’dan illi id-delitt ikun sar bħala mezz biex persuna tiġi mġiegħla tagħmel xi ħaġa jew toqgħod għal xi ħaġa li toffendi l-mistħija tas-sess ta’ dik il-persuna;

Ghaldaqstant l-Avukat Ġenerali fl-isem fuq imsemmi akkuża lill-imsemmi **Omissis** ħati ta’ arrest, detenzjoni jew sekwestru kontra l-liġi, u ċioe` talli b’diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti iżda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi, u li jkunu ġew magħmula b’riżoluzzjoni waħda, bla

ordni skond il-liġi ta’ l-awtorità kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arresta, żamm jew issekwestra lil xi persuna kontra l-volontà tagħha, b’dan illi id-delitt ikun sar bħala mezz biex persuna tiġi mġiegħla tagħmel xi ħaġa jew toqgħod għal xi ħaġa li toffendi l-mistħija tas-sess ta’ dik il-persuna; talab li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta’ priġunerija minn tlettax-il xahar sa’ ħames snin skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 18, 86, 87(1)(g) u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista’ skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta’ l-imsemmi akkużat.

4. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fir-Raba` Kap illi fiż-żmien u ċ-ċirkostanzi indikati fil-Kapi preċedenti ta’ dan l-Att ta’ Akkuża u ċioe` fil-wieħed u tletin ta’ Marzu tas-sena elfejn u għaxra (2010) u fix-xhur u s-snin ta’ qabel ġewwa Bormla u fi bnadi oħra f’dawn il-Gżejjer, l-akkużat **Omissis**, b’għemil żieni wettaq attivitajiet sesswali mat-tfal minuri tiegħu AB, CD u EF f’okkażjonijiet separati u distiniti minn xulxin.

Illi **Omissis** wettaq stupru vjolenti u kontra r-rieda tagħhom fuq it-tfal minuri tiegħu AB, CD u EF rispettivament meta kellhom inqas minn tnax-il sena, b’dan illi huwa ppartecipa f’attivitajiet ta’ natura sesswali magħhom f’okkażjonijiet differenti u b’mod separat minn xulxin b’dan illi ħadd minnhom ma kien jaf x’kien qed jiġri lill-oħrajn.

Illi b’għemilu, l-imsemmi **Omissis** sar ħati talli b’diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti iżda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi, u li jkunu ġew magħmula b’riżoluzzjoni waħda, ipparteċipa f’attivitajiet sesswali ma’ persuni ta’ taħt l-età b’dan illi r-reat sar bi vjolenza għax sar fuq persuna taħt l-età ta’ tnax-il sena;.

Ghaldaqstant l-Avukat Ġenerali fl-isem fuq imsemmi akkuża lill-imsemmi **Omissis** talli b’diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti iżda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi, u li jkunu ġew magħmula b’riżoluzzjoni waħda, ipparteċipa f’attivitajiet sesswali ma’ persuni ta’ taħt l-età

b'dan illi r-reat sar bi vjolenza għax sar fuq persuna taħt l-età ta' tnax-il sena;. talab li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija minn tlett snin sa' disa' snin u jintqal fl-artikoli 18, 201(a), 204Ċ(1)(2)(a) u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

Rat l-atti kollha processwali, inkluzi l-atti tal-kumpilazzjoni.

Rat ir-Rikors Konguntiv tal-Avukat Generali w tal-akkuzat Omissis, tat-8 ta' Ottubru, 2012, fejn, wara li ddikjaraw li kienu qed jaqblu fit-termini tal-artikolu 453A(1) tal-Kodici Kriminali, umilment talbu lil din l-Onorabbli Qorti li, fl-eventwalita` li jkun hemm ammissjoni da parti ta' l-akkuzat Omissis ghall-akkuzi migjuba kontrih, il-piena li ghandha tigi nflitta fuqu minn din l-istess Qorti ghandha tkun wahda ta' prigunerija ghal-perijodu ta' ghaxar (10) snin) u dan oltre s-sanzjonijiet u konsegwenzi ohra tasattivi ghad-dikjarazzjoni u sejbien ta' htija ai termini tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi waqt is-seduta tal-lum, l-akkuzat, mistoqsi jekk huwiex hati skond l-Att tal-Akkuza, wiegeb billi stqarr li huwa kien hati tar-reati hemm dedotti kontra tieghu;

Rat illi wara li l-Qorti wissiet lill-akkuzat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' din it-twegiba w taghtu ftit taz-zmien biex jerga' lura minnha, kif obbligata li taghmel skond l-artikolu 453 (1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-akkuzat baqa' jtenni t-twegiba li huwa kien hati.

Tiddikjara ghalhekk lil Omissis hati talli:

1. fil-31 ta' Marzu 2010 u fix-xhur u s-snin ta' qabel ġewwa Bormla u fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer, ikkommetta stupru vjolenti fuq persuna tas-sess il-wieħed jew l-ieħor; b'dan li d-delitt sar fuq persuna taħt l-età ta' tnax-il sena u li d-delitt sar minn axxendent, tutur, jew istitur fuq persuna taħt l-età ta' tmintax-il sena kif ukoll li d-delitt sar fuq il-persuna oħra li jiġu minn xulxin mid-demm

jew biż-żwieġ sat-tielet grad inklużivament, u dana skont l-Ewwel Kap. Tal-Att tal-Akkuza;
2. fil-31 ta' Marzu 2010 u fix-xhur u s-snin ta' qabel ġewwa Bormla u fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer, b'egħmil żieni kkorrompa persuna ta' taħt l-età, tas-sess il-wieħed jew l-ieħor; b'dan li d-delitt sar bi ħsara ta' persuna li ma għalqitx l-età ta' tnax-il sena, inkella bi vjolenza, u li sar minn axxendent, mid-demm jew bi żwieġ, jew mill-missier jew l-omm adottivi, jew mit-tutur tal-minuri, jew minn ħaddieħor li lilu, imqar jekk għal xi żmien, ikun ġie fdat il-minuri sabiex jieħu ħsiebu, jedukaħ, jgħallmu, jindukrah jew iżommu, u dana skont it-Tieni Kap tal-Att tal-Akkuza;
3. fil-31 ta' Marzu 2010 u fix-xhur u s-snin ta' qabel ġewwa Bormla u fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer, arresta, żamm jew issekwestra lil xi persuna kontra l-volontà tagħha, b'dan illi id-delitt ikun sar bħala mezz biex persuna tiġi mġiegħla tagħmel xi ħaġa jew toqgħod għal xi ħaġa li toffendi l-mistħija tas-sess ta' dik il-persuna, u dana skont it-Tielet Kap tal-Att tal-Akkuza;
4. fil-31 ta' Marzu 2010 u fix-xhur u s-snin ta' qabel ġewwa Bormla u fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer, ipparteċipa f'attivitajiet sesswali ma' persuni ta' taħt l-età b'dan illi r-reat sar bi vjolenza għax sar fuq persuna taħt l-età ta' tnax-il sena, u dana skont ir-Raba` Kap tal-Att tal-Akkuza.

Ikkunsidrat,

Il-gurisprudenza lokali kif ukoll dik ta' barra minn xtutna fir-rigward tal-piena inflitta meta persuna tghamel ammissjoni bikrija senjatament "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. Nicholas Azzopardi**" [24.2.1997] (Qorti Kriminali); "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. Mario Camilleri**" [5.7.2002] (Qorti ta' l-Appell Kriminali); "**Il-Pulizija vs. Emmanuel Testa"** [17.7.2002] (Qorti ta' l-Appell Kriminali) kif ukoll il **BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE** (Blackstone Press Limited 2001 edit) ;

Qieset l-ammissjoni qabel ma gie iffurmat il-guri, li pero' ma tistax tissejjah wahda bikrija ghaliex la saret mal-prezentata b'arrest tal-hati, u lanqas saret waqt il-kumpilazzjoni.

Din il-Qorti thoss li f’ dan il-kaz partikolari ghandha taderixxi ghat-talba konguntiva maghmula skond l-artikolu 453A(1) tal-Kodici Kriminali u ghaldaqstant, wara li rat l-artikoli 18, 86, 87(1)(g), 198, 201(a), 202(b)(h)(iii), 203(1)(a)(c), 204C(1)(20(a) u 533 tal-Kodiċi Kriminali, tikkundanna lil hati Omissis ghall-piena ta’ prigunerija ghal-perijodu ta’ **ghaxar (10) snin** kif ukoll tikkundannah ihallas is-somma ta’ tlett elef, mija u erba` Euro u tlieta w erbghin centezmi **(€3104.43),** rapprezentanti l-ispejjez tal-perizji inkorsi f’dan il-process, u dan a tenur tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali;

Tordna li jekk l-ispejjez tal-perizji ma jithallsux fi zmien hmistax il-jum mil-lum, jigu konvertiti f' terminu ta' prigunerija skond il-ligi.

Tordna li jinhareg Protection Order fl-isfond tal-artikolu 382A tal-Kap. 9 ghal tlett snin wara li l-hati jkun skonta t-terminu ta’ prigunerija favur AB, CD u EF.

Tordna li l-isem tal-hati jkun inkluz fil-lista ta’ pedofoli ai termini tal-Kap. 518 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Fl-ahhar tordna d-distruzzjoni tal-esebiti mnizzla fil-lista esebita mid-Deputat Registratur illum stess.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------